**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**vs**

**Joseph Calleja**

**Illum 15 ta' Novembru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Calleja** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 655056 (M) billi huwa akkuzat talli fix-xhar ta' Lulju 2017, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Kiser ordni ta' Qorti mahruga nhar is-7 ta' Lulju 2017 mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] Magistrat, Dr. Joseph Mifsud LL.D fejn (a) gew issekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u (b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. J. Mifsud LL.D fid-digriet tieghu datat 07/07/2017 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Joseph Calleja u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 11,000 euro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fis-17 ta' Lulju 2017 f' dawn il-Gzejjer

4. bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, billi kiser ordni ta' Qorti mahruga nhar is-7 ta' Lulju 2017 mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] Magistrat, Dr. Joseph Mifsud LL.D fejn (a) gew issekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u (b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tikkonsidra li kull att li hekk isir bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti jkun null u bla ebda effett fil-liġi u meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna suspettata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti – ai termini tal-proviso tal-artikolu 24A(10) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minnbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l- esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li d-difiza ma kellhiex provi xi tressaq.

Rat li l-prosekuzzjoni u d-difiza nghataw zmien ghal sottomissjonijiet bil-kitba bil-prosekuzzjoni kellha sal-25 ta' Settembru 2017 u difiza sad-9 ta' Ottubru 2017.

Rat sottomissjonijiet bil-miktub tal-prosekuzzjoni tad-19 ta' Settembru 2017, bid-difiza ghalkemm inghatat ic-cans biex taghmel sottomissjonijiet dawn ma sarux.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2017, xehdet l-**<u>iSpettur Priscilla Lee Caruana</u>** (*a fol.* 45 *et seq*.) fejn din xehdet rigward il-fatt li l-imputat kien tressaq taht arrest fis-7 ta' Lulju 2017 fejn il-Prosekuzzjoni kienet talbet sabiex l-assi kollha tal-imputat jigu frizati u li l-Qorti kienet laqghet tali talba. Qalet ukoll illi wara li l-imputat kien inghata l-*bail*[1] kienet giet infurmata minn Dr. John Seychell Navarro illi gie nfurmat mil-APS Bank

[1] Kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest a fol. 9

illi l-imputat Joseph Calleja li kienet ressqet jiem qabel u li kienet inhargitlu *freezing order*, kien mar gewwa l-APS Bank u gibed xi flus. Minn naha taghha gabet *search* u *arrest warrant* minn ghand il-Magistrat ta' l-ghassa Dr. Audrey Demicoli. Minn naha taghha marret fir-residenza tal-imputat gewwa l-Mosta fejn hemmhekk is-sur Calleja ma kienx prezenti pero' qaghdu jistennewh. Kien hemm il- mara tieghu prezenti fejn wara ftit tal-hin irnexxielhom jaghmlu kuntatt mieghu fuq il-mobile u gie fuq il-post. Tatu d-drittijiet tieghu, qaltlu li kellu dritt jikkonsulta ma' l- avukat qabel bdiet tkellmu kif ukoll li kien qed jigi nvestigat minhabba li hu kien mar gibed xi flus min gewwa l-bank. Huwa mill-ewwel kien qalilha illi ma kienx jaf illi ma setax jigbed il-flus u spjegajtlu li dakinhar tal-prezentata li kienet quddiem il-Magistrat Joseph Mifsud, inharget il-*freezing order* fejn l-assi tieghu kienu ffrizati u ghalhekk ghal ebda mod ma kellu jigbed il-flus, hlief ghall-ammont awtorizzat fl-istess ordni ta' iffrizar. Mill-investigazzjoni li ghamlet rrizulta illi fis-sebgha (7) ta' Lulju 2017, dakinhar tal-prezentata ingibdu ghoxrin elf ewro (€20,000) mill-APS Bank, li kien il-Gimgha u t-Tnejn l-ghaxra (10) ta' Lulju 2017 ngibdu l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000) mill-imsemmi APS Bank. Minn naha taghha l-Ispetturr Lee Caruana ghamlet search gewwa r-residenza tal-Mosta fejn bdiet tispjegalu illi kienu qed ifittxu dawn il-flus li ngibdu u l-imputat minn jeddu kien hadha gewwa post iehor indirizz gewwa l- Mosta li fih tghix oht il-mara tieghu. Hemmhekk huma rnexxielhom isibu l-ammont ta' sitta u tletin elf u hames mitt ewro (€36,500) fejn gew konfiskati u nghatatlu rcevuta ghalihom.

Giet ipprezentata l-isqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. "PC4."

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2017 xehed **John Seychell Navarro** (*a fol.* 53 *et seq.*) li huwa nkarigat mill-Asset Management Unit fil-Qorti ta' Malta. Dan xehed illi minkejja li fis-7 ta' Lulju 2017 kienet saret ordni ta' iffrizar, xorta wahda kienu ngibdu xi flus minkejja li kien hemm l-ordni tal-Qorti tal-iffrizar. Huwa spjega li l-APS Bank infurmah dwar x'kontijiet kellu l-imputat u minn din il-korrispondenza (*a fol.* 55 *et. seq.*) irrizulta li kien sar gbid ta' flus fil-perjodu li kienet fis-sehh l-ordni ta' iffrizar. Kien ghalhekk li nforma lill-Ispettur b'dan l-izvilupp.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda *freezing order* li nharget fis-7 ta' Lulju 2017 (Dok. "PC3" fol. 9).

Mill-provi prodotti jirrizulta car li l-imputat odjern inhareg *freezing order* fil-konfront tieghu fis-7 ta' Lulju 2017.

Illi, filwaqt li ma jirrizultax li hemm l-ebda kontestazjoni li effettivament inhareg il-*freezing order* fil-konfront tal-imputat fis-7 ta' Lulju 2017 minn din l-istess Qorti u ma jirrizultax li din l-ordni ma kienitx baqghet fis-sehh.

**Kunsiderazzjonijiet legali dwar l-akkuzi**

**Art 23A Kap 9 - Kodici Kriminali**

Artikolu **23A.** (1) jipprovdi li:

F'dan l-artikolu, kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"l-Att" tfisser l-Att kontra Money Laundering;

"l-Ordinanzi" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;

"reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena.

(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal- Att u l-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.

**<u>Artikolu 5 tal-Kap 373 - ATT KONTRA MONEY LAUNDERING</u>**

Artikolu **5** (1) tal-Kap 373 jipprovdi li:

Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni -

(*a*) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il- flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u

(*b*) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:
Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill- akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f 'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:

Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan -

(*a*) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill- akkużat lil kredituri *bona fide* u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
(*b*) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

2) Dak l-ordni għandu -

(*a*) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u

(*b*) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.

**6.** Kull persuna li **tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-qorti msemmi fl-artikolu 5 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew għal priġunerija għal żmien li ma jeċċedix tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien**, u kull ħaġa hekk magħmula bi ksur ta' ordni tal-qorti bħal dik tkun nulla u bla effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Il-fatt li nhareg *freezing order* ghandu jigi rispettat mill-persuna fil-konfront ta' min jigi mahrug. Dan ghandu jigi zgur rispettat mill-

mument li jinhareg (anke b'mod provizjorju) sakemm il-Qorti tkun tat id-decizjoni taghha finali. **X'jiswa li jinhareg freezing order u l-imputat jigbed il-flus li ghandu fil-banek sakemm tinghata d-decizjoni finali? L-ghan tal-freezing order mahrug fil-prezentata b'arrest ta' persuna fil-konfront tieghu, bhal ma kien fil-kaz odjern, kien proprju dak li: (a) jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u (b) jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli.**

Illi m'hemmx dubju li bl-agir tieghu, cioé bil-**withdrawal** gbid ta' flus mill-kont bankarju, liema gbid ta' flus saru fid-dati ndikati fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat kiser il-*freezing order* mahruga fil-konfront tieghu fis-7 ta' Lulju 2017.

Il-Qorti tinnota li meta nhareg il-freezing order fis-7 ta' Lulju 2017, kien hemm prezenti l-imputat u l-avukat difensur tieghu u m'hemmx dubju li l-imputat kien jaf li kien inhareg il-*freezing order* in kwistjoni u b'hekk ma jistghax jargumenta li ma kienx jaf li ma setghax jigbed flus mill-kont bankarju tieghu!

Illi m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni l-Qorti tirrileva li f'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom Il-**Pulizija vs Roderick Debono**, deciza mill-Imhallef Dr. Lawrence Quintano LL.D nhar l-20 ta' Gunju 2014[2], kien ritenut illi, *'minhabba li nstab hati tal-ewwel imputazzjoni isegwi li l-appellant kiser din il-kundizzjoni. Ghaldekk il-Qorti qed issibu hati skont l-artikolu 579(2)…".*

Illi f'decizjoni ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Garetano LL.D tad-29 ta' Mejju 2009 fil-kawza il-**Pulizija vs Bertram Zahra**,[3] qalet illi:

> *"Ir-reat ta' ksur tal-bail minhabba (f'dan ilkaz) il-kommissjoni ta' delitt ta' natura volontarja huwa ghal kollox separat u distint minn dak id-delitt ta' natura volontarja. L-ewwel qorti, bid-dovut rigward lejha, ma kellhiex ghalfejn tistenna l-ezitu tal-proceduri fir-rigward tal-akkuza ta' serq mill-fond fi Sqaq San Adeodatu, izda setghet hadet hi direttament konjizzjoni tal-fatti li talvolta jippruvaw dik is-serqa u, in segwitu, tghaddi biex tara jekk dik is-serqa sehhitx fiz-zmien meta l-imputat kien bil-bail b'wahda mill-kundizzjonijiet tkun li hu ma kellux jikkommetti delitt ta' natura volontarja. Hawnhekk ghandna il-kaz kwazi klassiku ta' "un solo e medesima fatto" li jaghti lok ghall-ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi, izda li pero` xorta wahda ma jissarrafx f'konkors formali jew ideali ta' reati (bl-assorbiment tarreat l-anqas gravi f'dak l-aktar gravi), izda jwassal biss ghal konkors materjali jew reali; u dan ghaliex bejn iz-zewg vjolazzjonijiet l-inseparabilita` hi mhux wahda naturali jew guridika izda wahda merament accidentali "*

[2] Appell Kriminali numru 378/2012, para 66 – 67.
[3] Appell Kriminali numru 321/2008, pg 3.

Illi ghalhekk la darba din il-Qorti sabet lill-imputat hati tar-reat l-iehor imsemmi fl-akkuza odjerna liema reati huma ta' natura volontarja, il-Qorti trid issib issib lill-imputat hati tal-akkuza skont l-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal- imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fatt li l-imputat **kiser ordni moghtija mill-Qorti**, **liema fatt huwa ta' thassib**, x'kien jikkonsisti l-ksur tal-ordni tal-iffrizar u kif ukoll il-fedina penali tal-istess imputat. Huwa proprju minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti sejra timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal- imputat.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, wara li rat Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 u Artikoli 5 u 6 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna illi l-flus li hareg mill-banek bi ksur ta' dak l-ordni tal-Qorti u li kienu prezentati f'dawn il-proceduri jibqghu sekwestrati u jkunu depozitati l-Qorti sakemm ikun hemm id-decizjoni finali dwar il-

kaz pendenti li ghandu l-hati. Dawn il-flejjes ghandhom jidhlu fil-kompendju tal-assi tal-imputat li qieghed jithejja.

Il-Qorti mhix se ssib lill-imputat hati tar-raba' (4) imputazzjoni minhabba nuqqas ta' provi li dak li qeghda tallega l-Prosekuzzsjoni sehh fis-17 ta' Lulju 2017 u ghalhekk il-Qorti qeghda tilliberah minnha.

Jirrizulta ukoll li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest meta wettaq ir-<u>**reat**</u> li ghalih instab hati ghalih illum. Din il-Qorti ma tistax tqis dan il-ksur bħala xi wieħed żgħir. Għalhekk ladarba l-imputat ghazel li jmur kontra wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess liberta provizorja u kien messu qagħad aktar attent meta kellu ċ-ċans. L-aġir tiegħu issa jorbot idejn din il-Qorti li ma tistax hlief li ssibu hati tat-tieni (2) imputazzjoni u wara li rat Artikolu 579 tal-Kap 9 tikkundannah għall-piena ta' multa ta' elf ewro (€1,000).

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet, li rrizultat sodisfacentament pruvata, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-**Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon**[4] deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, "*illi ladarba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat … din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f' dan il-kaz*" filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-beneficċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fis-7 ta' Lulju 2017 tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

---

[4] Appell Nru. 137/08

Iżda l-Qorti qiegħda teżercita d-diskrezzjoni tagħha billi tiddikjara li l-ammont stabbilit fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest taħt depozitu u garanzija ma jiġux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**